MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 74/2012

**Appell Numru: 74/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Everard Farrugia**

Illum 31 t'Ottubru, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B' diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Settembru, 2011 u Ottubru, 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil Sabriella Farrugia Montebello u/jew lil uliedu, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghal-uliedu fi zmien hmista il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt kellu jhallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Frar, 2012 fejn wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; fuq ammissjoni tal-istess imputat sabithu hati u kkundannatu ghal-piena ta’ xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat fit-13 ta’ Frar, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u dan taht dawk il-provedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti thoss li huma idoneji fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok, qieghed jigi dikjarat li l-esponenti issa hallas dak dovut lill-kwerelanta Gabirella Montebello kif jirrizulta mill-anness dokument EVF1 fejn thallsu l-manteniment dovut lill-kwerelanta Gabriella Montebello kemm ghaliha kif ukoll ghat-tifel minuri taghhom Antonio;
2. Illi dan kien l-ewwel kaz tieghu kien mument fejn l-esponenti issa spicca minghajr impieg full-time. Illi Everard Farrugia ghandu biss issa impjieg part-time, u ghalhekk certament ghalkemm l-esponent jiskuza ruhu talli naqas xi ftit, imma certament ma naqas b’mod kapriccjuz imma naqas minhabb r-ragunijiet imsemmija fuq dan l-appell.

Ikkunsidrat.

Bil-verbal tat-18 ta’April, 2012 ( fol 17) l-Avukat Generali qajjem in-nullita tar-rikors ta’ l-appell ghax ma fiehx l-espozizzjoni tal-fatti u t-talba ma tispecifikax is-Sentenza b’liema forma ghandha tigi riformata. Bil-verbal tat-3 ta’ Mejju, 2012 (fol 19) l-Avukat Generali nsista fuq din l-eccezzjoni u dehret ukoll Dr. Astrid Falzon il-parti civili fejn iddikjerat li l-parti civili li rciviet l-ammonti kollha dovuti

lilha skont ic-citazzjoni u ma kelliex aktar pritenzjonijiet. Bil-verbal ta' l-14 ta' Marzu, 2013 (fol 24) il-Qorti halliet il-kawza ghas-Sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari mqajjma mill-Avukat Generali u fil-kaz li tiddeciedi favur l-appellant tipprocedi ghad-decizjoni fuq il-meritu.

Ikkunsidrat.

L-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali hija bbazata fuq l-Artiklu 419 (1) tal-Kodici Kriminali li tispecifika *"Ir-rikors barra mill-indikazzjonijiet komunu ghall-Atti Gudizzjarji ghandu jkun fih taht piena ta' nullita – (a) il-fatti fil-qosor, (b) ir-ragunijiet ta' l-appell, (c) it-talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri."* Skont gurisprudenza kostanti nnuqqas ta' xi wiehed mir-rekwiziti msemmija fl-Artiklu fuq imsemmi tista titqajjem mill-partijiet f'kull stadju tal-proceduri, wkoll li dawn ir-ekwiziti bhala regola generali gew "very strictly and rigidly interpreted." Fil-kawza Il-Pulizija kontra Joseph Galea deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 1995 intqal, *"Ghalkemm il-Ligi titkellem dwar talba ghat-thassir* <u>*jew*</u> *ghat-tibdil fil-prassi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali dejjem gie accettat, fil-kazijiet illi hekk jippermettu, li jkun hemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil purche' illi din it-talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda. Infatti, anke jekk tintalab biss it-thassir, il-Qorti tista flok thassar ghal kollox is-Sentenza u konsegwentament tillibera lill-appellant jew issib hatiu lill-appellant - kont min ikun appella – tilqa l-appell in parti u tibdel is-Sentenza per ezempju li limitatament ghal piena nflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-Sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellat u in parti lliberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, dejjem gie ritenut illi jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir ir-rikors huwa null.*

*Ir-raison d'etre ta' l-Artiklu 419 (1) huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza li l-legizlatur ried li r-rikors ta' l-appell ghadu jkun redatt b'tali mod illi mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat li jkun jaf ezatt x'inhuma l-fatti kolla essenzjali, minn xiex qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob. Il-vot tal-Ligi ma jkunx sodisfatt jekk dawn ikunu*

*sparpaljeti l-hawn u l-hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwahom."*

Ikkunsidrat.

Minn ezami akkurat tar-rikors ta' l-appell issib illi dana huwa karenti assolutament mill-espozizzjoi tal-fatti u t-talba qed titlob ir-riforma tas-Sentenza minghar ma tindika kif din ir-riforma ghandha tkun. Ma hemmx dubju quindi, illi skont l-Artiklu fuq imsemmi 419 (1) tal-Kodici Kriminali, dan ir-rikors irid jigi ddikjerat null. Pero' din il-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija minnha kif preseduta fis-17 ta' Settembru, 2012 fl-ismijiet Il Pulizija kontra Joseph Galea fejn iddikjerat, *"l-Qorti ghandha ripensament fuq din il-gurisprudenza u filwaqt illi tiddikjara illi bhala principju l-hsieb imfisser b'din is-Sentenza huwa validu, dan m'ghandux ikun ta' pregudizzju ghall-appellant illi aktar u aktar kaz ta' habs illi jkun priv minn smieh ta' appell u kunsiderazzjoni dwar il-mertu, dejjem skont il-gurisprudenza kostanti f'dan ir-rigward tal-kaz tieghu….".* F'dan il-kaz l-appellant Farrugia qieghed jigi nfaccat b'piena ta' xahar ditenzjoni u minkejja d-diffikulta li qed titfacca din il-Qorti biex tifhem sew ezattament x'talab, ma jkunx gust li dan l-appell jigi dikjerat null u kull tama li jista jkollu ghar-rivizjoni tas-Sentenza tisfuma fix-xejn u l-appellant ikollu jiffaccja konsegwenzi serji mposti fuqu fuq l-ewwel Sentenza minghar il-possibilita tad-doppju ezami.
Ghalhekk f'dan il-kaz minkejja l-istat konfuzjonali tat-talba tar-rikors ta' l-appell il-Qorti sejra tikkonsidra t-talba ghar-riforma tas-Sentenza fil-kuntest tad-dikjerazzjoni tal-parti civili bil-verbal tat-3 ta' Mejju, 2012 u ghalhekk tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tipprosegwi bil-kunsiderazzjoni dwar il-meritu.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant ghaddej minn dizgwid matrimonjali minn martu Sabriella Farrugia Montebello li kellha favur taghha ordni sabiex tithallas il-manteniment minn ghand l-appellant. Irrizulta illi ghax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2011naqas illi jhallas fiz-zmien

moghti mill-Ligi dak illi kien dovut li jithallas mill-parti civili Sabriella Farrugia Montebello. B'Sentenza ta' l-1 ta' Frar, 2012 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati fuq ammissjoni tieghu u kkundannatu ghal xahar ditenzjoni. L-appellant hassu aggravat min din is-Senenza 'l ghaliex deherlu illi din ix-xahar ditenzjoni kienet esegerata wisq fil-konfront tieghu. Il-Qorti tinnota pero' illi bil-verbal tat-3 ta' Mejju, 2012 il-parti civile tramite l-avukat taghha ddikjerata li hija rciviet l-ammonti kollha dovuti lilha u ghal dak li jirrigwardja din il-kawza ma kelliex aktar pritenzjonijiet kontra tieghu. Ovvjament din id-dikjerazzjoni ma taghmel l-ebda differenza ghad-dikjerazzjoni ta' htija, rrizulta illi l-Ewwel Qorti fuq l-ammissjoni ta' l-appellant ma kellha l-ebda alternattiva hlief tiddikjara lill-istess appellant hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u ghalhekk ghal fini ta' din id-dikjerazzjoni s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrat hija gusta u timerita konferma.

Pero' din il-Qorti mhijiex aversa ghas-sitwazzjoni ta' l-appellant illi fil-mori ta' dan l-appell rrealizza nnuqqas tieghu u hallas l-ammonti dovuti lill-parti civili, f'dan il-kaz allura jkun opportun illi l-Qorti tikonsidra temperament fil-piena. Fil-kawza Il-Pulizja vs Publius Said (25 ta' Settembru, 2003), *"L-iskop tal-legizltur, meta ntroduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1993, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obligi taghhom u mhux biex timponixxi biss ksur ta' ordnijiet, digrieti jew Sentenzi tal-Qorti, ordinijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupoluzament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kuntrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperamenet fil-piena ...."* Dana huwa propju li gara f'dan il-kaz u l-Qorti jidhrilha li c-cirkostanzi jimmeritaw temerament fil-piena.
Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tilqa l-appell u fil-waqt illi tikkonferma s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ghal dak li jirrigwardja d-dikjarazzjoni ta' htija, tirriformha fil-piena u minflok xahar detenzjoni tillibera lill-appellant taht il-providamenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------